MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2767/2002

**Falzon Bathrooms & Ceramics Limited**

**vs**

**Da Manuel Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Novembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u tlettax-il lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm1213.45), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lis-socjeta` konvenuta fuq ordni taghha u dan skond fattura datata 13 ta' Settembru, 2002, numru "D013" (Dok.A);**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru, 2002, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Jackie Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u tlettax-il lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm1213.45), bl-imghaxijiet kummercjali mis-27 ta' Lulju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru, 2002, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**